VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,807, 16 ta' Settembru, 2011
Taqsima B

A.L. 374 ta' l-2011

ATT DWAR IS-SIGURTA TA' l-IKEL
(KAP. 449)

Regolamenti ta' l-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kuluri għall-Użu fi Ħwejjeġ ta' l-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel, il- Ministru għas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għamel dawn ir-regolamenti li gejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kuluri għall-Użu fi Ħwejjeġ ta' l-Ikel, u għandhom jinqraw u jinfthiemu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1995 dwar Kuluri għall-Użu fi Ħwejjeġ ta' l-Ikel, hawn izjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 107 ta' l-1995.

(2) Dawn ir-regolamenti għandom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fil-1 ta' Settembru 2011.

Skop.

2. Regolamenti 3 jimplementa il-provvedimenti tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2011/3/UE tas-17 ta' Jannar 2011 li temenda d-Direttiva tal-Kummissjoni 2008/128/KE li tippreskrivi l-kriterji speċifiċi tal-purità ta' sustanzi ta' taħlil (kuluri)għall-użu fl-oġġetti tal-ikel.

Jemenda is-Sitt Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. It-Taqsima 2 tas-Sitt Skeda, li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandha tiġi emendata kif ġej:-

(a) Għall-entrata dwar E 160, għandu jidħol dan li ġej:-

B 4652

“E 160 D LIKOPEN	
(i) **Likopen sintetiku**	
Sinonimi	Likopen mis-sinteżi kimika
Definizzjoni	Il-likopen sintetiku huwa taħlita ta' iżoremi ġeometriċi tal-likopen u magħmul bil-kondensazzjoni Wittig tal-intermedjarji sintetiċi użati ġeneralment fil-produzzjoni ta’ karotenojdi oħrajn li huma użati fl- ikel. Likopen sintetiku hu magħmul l-aktar minn likopen-kollu-trans flimkien ma' 5-cis-lycopene u kwantitajiet żgħar ta' iżomeri oħra. Il-preparazzjonijiet tal-likopen kummerċjali li huma intiżi għall-użu fl-ikel huma formulati bħala sospensjonijiet fiż-żjut tal-ikel jew trab idrodispersibbli jew trab li jinħall fl-ilma.
Numru Indiċi tal-Kulur	75125
EINECS	207-949-1
Isem kimiku	Ψ,Ψ-karoten, likopen-kollu-trans, (kollu-E)-likopen, (kollu-E)-2,6,10, 14,19,23,27,31-oktametil-2,6,8,10,12,14,16,18,20,22,24,26,30-dotriakontatridekaene
Formula kimika	$C_{40} H_{56}$
Piż molekulari	536,85
Analiżi	Mhux anqas mis-96 % tal-likopeni totali (mhux anqas minn 70 % tal- likopen-kollu-trans) E 1 cm 1 % f’465 - 475 nm f’eżan (għal 100 % likopen-kollu-trans pur) huwa 3 450
Deskrizzjoni	Trab abjad kristallin
Identifikazzjoni	
Spettrufotometrija	Soluzzjoni f'eżan turi assorbiment massimu ta' madwar 470 nm.
Test għall-karotenojdi	Il-kulur tas-soluzzjoni tal-kampjun f'aċeton jisparixxi wara żidiet suċċessivi ta' 5 % soluzzjoni tan-nitrit tas-sodju u l-aċidu tal-kubrit 1N
Solubbiltà	Mhux solubbli fl-ilma, solubbli liberament fil-kloroform
Karatteristiċi ta' 1 % soluzzjoni fil- kloroform	Ċara u għandha kulur aħmar-oranġjo intensiv
Purità	
Telf fit-tnixxif	Mhux aktar minn 0,5% (40 °C, 4 h f’20

	mm Hg)
Apo-12’-likopenuż	Mhux aktar minn 0,15 %
Ossidu tal-fosfin tat-trifenil	Mhux aktar minn 0,01 %
Residwi tas-solvent	Metanol mhux aktar minn 200 mg/kg Eżan, Propan-2-ol: Mhux aktar minn 10 mg/kg kull wieħed. Diklorometan: Mhux aktar minn 10 mg/kg (fi preparazzjonijiet kummerċjali biss
Ċomb	Mhux aktar minn 1 mg/kg
(ii) **Mit-tadam aħmar**	
Sinonimi	Isfar Naturali 27
Definizzjoni	Il-likopen jinkiseb permezz ta’ estrazzjoni ta’ solventi tat-tadam aħmar (Lycopersicon esculentum L.) bit-tneħħija sussegwenti tas-solvent. Dan is-solvent biss jista' jintuża: dijossidu karboniku, aċetat etiliku, aċeton, propan-2-ol, metanol, etanol, eżan.Il-prinċipju ewlieni tal-kulur tat-tadam huwa l-likopen, jista’ jkun hemm ammonti żgħar ta' pigmenti karotenojdi oħra. Barra il-pigmenti tal-kulur, il-prodott jista' jkollu żejt, xaħmijiet, xama’ u komponenti tat-togħma li jseħħu b'mod naturali fit-tadam.
Numru Indiċi tal-Kulur	75125
EINECS	207-949-1
Isem kimiku	Ψ,Ψ-karoten, likopen-kollu-trans, (kollu-E)-likopen, (kollu-E)-2,6,10, 14,19,23,27,31-octamethyl-2,6,8,10,12,14,16,18,20,22,24,26,30-dotriakontatridekaene
Formula kimika	$C_{40} H_{56}$
Piż molekulari	536,85
Analiżi	$E_{1\ cm}$ 1 % f’465 - 475 nm f’eżan (għal 100 % likopen-kollu-trans pur) huwa 3 450. Il-kontenut mhux anqas minn 5 % tal-materja tal-kulur totali
Deskrizzjoni	Likwidu viskuż aħmar skur
Identifikazzjoni	
Spettrufotometrija	Massimu f'eżan f’ca 472 nm
Purità	
Residwi tas-solvent	Propan-2-ol Eżan Aċeton Etanol Metanol Aċetat etiliku Mhux aktar minn 50 mg/kg, waħdu jew f'taħlita
Irmied issulfat	Mhux aktar minn 1 %

Merkurju	Mhux aktar minn 1 mg/kg
Kadmju	Mhux aktar minn1 mg/kg
Arseniku	Mhux aktar minn 3 mg/kg
Ċomb	Mhux aktar minn 2 mg/kg
(iii) **minn *Blakeslea trispora***	
Sinonimi	Isfar Naturali 27
Definizzjoni	Likopen minn *Blakeslea trispora* huwa estratt mill-bijomassa fungali u ppurifikat bil-kristallizzazzjoni u l-filtrazzjoni. Dan magħmul l-aktar minn likopen-kollu-trans. Fih ukoll kwantitajiet żgħar ta' karotenojdi oħra. l-isopropanol u l-aċetat tal-isobutil huma l-uniċi solventi użati fil-manifattura. Il-preparazzjonijiet tal-likopen kummerċjali li huma intiżi għall-użu fl-ikel huma formulati bħala sospensjonijiet fiż-żjut tal-ikel jew trab idrodispersibbli jew trab li jinħall fl-ilma.
Numru Indiċi tal-Kulur	75125
EINECS	207-949-1
Isem kimiku	Ψ,Ψ-karoten, likopen-kollu-trans, (kollu-E)-likopen, (kollu-E)-2,6,10, 14,19,23,27,31-oktametil-2,6,8,10,12,14,16,18,20,22,24,26,30-dotriakontatridekaene
Formula kimika	$C_{40} H_{56}$
Piż molekulari	536,85
Deskrizzjoni	Trab abjad kristallin
Identifikazzjoni	
Spettrufotometrija	Soluzzjoni f'eżan turi assorbiment massimu ta' madwar 470 nm.
Test għall-karotenojdi	Il-kulur tas-soluzzjoni tal-kampjun f'aċeton jisparixxi wara żidiet suċċessivi ta' 5 % soluzzjoni tan-nitrit tas-sodju u l-aċidu tal-kubrit 1N
Solubbiltà	Mhux solubbli fl-ilma, solubbli liberament fil-kloroform
Karatteristiċi ta' 1 % soluzzjoni fil- kloroform	Ċara u għandha kulur aħmar-oranġjo intensiv

Purità	
Telf fit-tnixxif	Mhux aktar minn 0,5 % (40 °C, 4 h f'20 mm Hg)
Karotenojdi oħra	Mhux aktar minn 5 %
Residwi tas-solvent	Propan-2-ol: Mhux aktar minn 0,1 % Aċetat tal-isobutil: Mhux aktar minn 1,0 % Diklorometan: Mhux aktar minn 10 mg/kg (fi preparazzjonijiet kummerċjali biss)
Irmied issulfat	Mhux aktar minn 0,3 %
Ċomb	Mhux aktar minn 1 mg/kg".